

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

1.9.2008

0070/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

impressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Kinga Gál, Alexander Alvaro, Kristian Vigenin, Jean Lambert

dwar il-bżonn li titwaqqaf Rappreżentanza għall-Ġenerazzjonijiet Ġejjiena fl-Unjoni Ewropea

Data ta' skadenza: 4.12.2008

0070/2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-bżonn li titwaqqaf Rappreżentanza għall-Ġenerazzjonijiet Ġejjiena fl-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-UNESCO dwar ir-Responsabilitajiet tal-Ġenerazzjonijiet Preżenti Lejn Ġenerazzjonijiet Ġejjiena (1997)
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. filwaqt li jirrikonoxxi li hemm bżonn urġenti li d-drittijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet ġejjiena jiġu rrappreżentati b'mod effiċjenti minħabba li l-prosperità tas-soċjetà preżenti qed tiġi aktar u aktar assigurata b'detriment tagħhom,
1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-possibiltajiet ta' rappreżentanza istituzzjonali għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena fl-Unjoni Ewropea, inklużi l-għażliet li ġejjin:
    - a) l-integrazzjoni tal-protezzjoni tal-interessi tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin fl-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew,
    - b) id-delegazzjoni tar-responsabilità għall-infurzar tal-interessi tal-ġenerazzjonijiet ġejjiena lill-portafoll ta' wieħed mill-Kummissarji,
    - c) l-integrazzjoni tal-infurzar tal-interessi tal-ġenerazzjonijiet ġejjiena fid-dmirijiet tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistieden lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea biex jinkludu l-kompitu tal-konsiderazzjoni tal-interessi tal-ġenerazzjonijiet ġejjiena f'kull parti tal-attività tagħhom u jwettquha;
  3. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiddikjaraw sena bħala 'Sena tal-Ġenerazzjonijiet Ġejjiena' sabiex jesprimu l-importanza tal-interessi tal-ġenerazzjonijiet ġejjiena u jagħtu profil għoli;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.